MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 1487/2000/1

Avviz Nru: 1487/00 DM

Atlas Insurance Agency Limited, agenti f'Malta tas-socjeta estera Axa Insurance p.l.c. proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' Michael Attard Ltd

Vs

Sea Malta Co Ltd u The Cargo Handling Company Ltd

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti jew minn minnhom ghal hlas tas-somma ta' seba' mija sbatax il-lira u hamsa u disghin centezmi (Lm717.95c) bhala danni mgarrba mis-socjeta attrici ai termini ta' polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat

tieghu li permezz taghha s-socjeta attrici kellha tindenizza lill-assigurat taghha fl-ammont ta' sitt mija u hamsa u tmenin lira u hamsa u disghin centezmu (Lm685.95) danni sofferti fil-merkanzija ta' vetturi li waslet Malta fuq il-vapur Maltese Falcon fit-18 ta' Ottubru 1999 ma liema ammont ta' danni jizdied ammont ta' tnejn u tletin lira (Lm32) survey fee inkorsi mis-socjeta attrici u ghalhekk danni totali fl-ammont ta' Lm717.95.

Prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenuti jew min minnhom kienu responsabbli ghad-danni mgarrba mill-attur.

Bl-ispejjez u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenuti jew minn minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta The Cargo Handling Company Limited fejn eccepiet illi:

1 Preliminarjament, illi s-socjeta attrici ma taf b'ebda danni allegatament sofferti f'merkanzija li waslet fuq il-vapur Maltese Falcon fil-11 ta' Ottubru 2000;

2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq is-socjeta attrici li tipprova illi l-allegati danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi de quo kienu taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta eccipjenti u li l-istess vetturi gew konsenjati lilha minghajr l-istess danni u nuqqasijiet;

3 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;

4 Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;

5 Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma intempestivi stante illi s-

socjeta eccipjenti qatt ma giet interpellata in konnessjoni mal-allegati danni u nuqqasijiet lamentati fic-citazzjoni attrici u fi kwalunkwe kaz ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

6 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta Sea Malta Company Limited fejn eccipiet illi:

1 Fl-ewwel lok, l-inkompetenza tal-Qorti ratione materiae;

2 Fit-tieni lok illi ghandha ssir korrezzjoni fl-avviz peress illi l-vapur Maltese Falcon ma wasalx Malta fit-18 ta' Ottubru 2000, izda fil-18 ta' Ottubru, 1999;

3 Fit-tielet lok, u fi kwalunkwe kaz, illi d-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevanti, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A;

4 Fir-raba lok il-klawzola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema s-socjeta konvenuta ma hiex responsabbili ghad-danni reklamati;

5 Fil-hames lok li t-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;

6 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas- 17 t' Ottubru 2001 fejn il-konvenuti The Cargo Handling Company Limited irtirat l-ewwel eccezzjoni preliminari minnha sollevata u l-konvenuti Sea Malta Company Limited irtiraw l-eccezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti rationae materiae.

Rat il-verbal tat-3 ta' April 2003 fejn il-konvenuti eccipew ulterjorment l- preskrizzjoni liema eccezzjonijiet gew sussegwentement irtirati fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2003.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi biex tirnexxi t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuti l-provi minnha rikjesti ghandhom jikkonsistu f'dan li gej:-

Fl-ewwel lok jridu jippruvaw illi l-merkanzija rilaxxata fil-pussess tat-trasportaturi Sea Malta Company Limited, kienet merkanzija ezenti minn difetti almenu apparenti u illi din il-merkanzija meta giet rilaxxata f'idejn l-importatur jew l-agenti tieghu instab li kellha hsarat li evidentement ma kienux jezistu meta kienet giet moghbbija fuq il-vapuri tal-kumpanija Sea Malta.

Ta' dawn il-hsarat bil fors jridu jirrispondu l-konvenuti u l-kumpanija Sea Malta ghandha tirrispondi ghal dawk il-hsarat illi kienu gew riskontrati meta l-merkanzija kienet qed tigi tinhatt mill-vapuri taghhom u l-kumpanija The Cargo Handling Company Limited ghandha tigi ritenuta responsabbli ghal hsarat l-ohra illi rrizultaw meta l-merkanzija kienet fil-pussess taghha.

Mill-kopja tal-polza ta kariku esibita mill-istess konvenuti, Sea Malta Company Limited, jirrizulta illi meta l-merkanzija, konsistenti fi tletin (30) karrozza Peugeot, destinati ghad-ditta Michael Attard Limited, kienet giet moghbbija fuq il-vapur, din kienet ezenti minn difetti billi ma saret ebda indikazzjoni ghal xi difett fl-istess polza ta' karigu u ghalhekk il-merkanzija ghandha tigi ritenuta illi meta giet moghtija fil-pussess tal-konvenuti Sea Malta Company Limited, din ma kellix difetti apparenti fuqha.

Min-naha taghhom il-konvenuti, Sea Malta Company Limited, jippretendu illi huma ma ghandhomx ikunu tenuti responsabbli ghal kwalunkwe hsarat li jistghu jirrizultaw anke jekk dawn graw waqt li l-merkanzija kienet fil-

pussess taghhom, u dana peress illi l-polza ta' karigu tipprovdi illi huma ezenti minn kull forma ta' responsabbilta' ghal hsarat fil-merkanzija.

Biex jsosstnu din l-allegazzjoni l-istess konvenuti pprezentaw kopja fotostatika tal-ewwel folja ta' polza ta' karigu fejn il-Qorti setghet tikkonstata li l-unika riferenza li jista' jkun hemm ghal xi ezenzjoni minn responsabbilta' huwa timbru permezz ta' 'rubber stamp' li jipprovdi hekk: *Unprotected motor cars ship not responsabble for damage and accessories.*

Evidentement pero dan it-timbru wahdu, minghajr ebda prova illi kien sar xi ftehim ulterjuri bejn il-kontraenti li jideeroga mill-kundizzjonijiet generali, ma jistghax jimplika illi l-kontenut tieghu kellhu jorbot lilhom u kellhu jifforma parti integrali tal-kuntratt tat-trasport. Dan applika iktar bil-qawwa meta ma tezisti ebda prova illi dan l-istess timbru jew timbri ohra kienu gew ittimbrati fuq il-polza ta' karigu qabel ma l-konvenuti Sea Malta indahlu ghal kuntratt ta' trasport. Ebda timbru bhal dawn ma jista' jkollu ebda rilevanza f'din il-kwistjoni u ma jistghax jikkostitwixxi xi prova serja illi l-partijiet ghal kuntratt ta' trasport setghu ftehmu fuq xi kondizzjoni tant serja li tidderoga mill-principji generali tal-kuntratti tat-trasport.

Ghaldaqstant il-Qorti tirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti Sea Malta illi l-polza ta' karigu relattiva tezentahom minn kull forma ta' responsabbilta' ghal hsarat riskontrati fil-vetturi li kienu fil-pussess taghhom.

Fil-mertu jirrizulta ampjament (kif ikkonfermat mill-'Gate Pass Out' relattiv ghal vettura bic – Chassis No 60225748 u mill-'Gate Pass Out' relattiv ghal vetturi l-ohra kollha) illi, meta l-vetturi importati mill-assikurat tal-atturi gew rilaxxati lilhom minn The Cargo Handling Company Limited dawn kellhom il-hsarat u nuqqasijiet kollha riskontrati mis-surveyor John Falzon u (kif indikati fid-dokument JF 2 a fol 38 tal-process) li l-ispiza implikata biex gew imsewwija l-hsarat u rimpjazzati l-oggetti nieqsin, kienet lahqet ghas-somma ta' Lm685.95 (sitt mija hamsa u tmenin lira Maltin u hamsa u disghin centezmi). Ta' dan l-ammont ghalhekk

l-atturi bhala surrogati fid-drittijiet tal-importatur ghandhom id-dritt illi jigu kkompensati minn ghand il-konvenuti oltre somma ta’ Lm32 (tnejn u tletin lira Maltin), l-ispiza involuta biex sar is-survey relattiv.

Pero’ l-Qorti issa trid tiddecidi wkoll kif dan l-ammont ghandhu jigi maqsum bejn il-konvenuti skond ir-responsabbilta’ li kull wiehed minnhom ghandhu ghad-diversi hsarat u nuqqasijiet riskontrati.

Minn ‘joint tally’ esibita bhala dokument PB 1 ( a fol 51 tal-process) illi jsir minn ‘tally clerk’ nominat mill-konvenuti The Cargo Handling Company Limited, u minn ‘tally clerk’ nominat mill-kumpanija Sea Malta kienu gew irriskontrati n-nuqqasijiet u hsarat fil-vetturi bic-Chassis No 32851283, 32863881, 40507598 u 32871046 meta dawn il-vetturi kienu qed jitnizzlu minn fuq il-bastiment tal-konvenuti Sea Malta. Ghalhekk ta’ dawn in-nuqqasijiet u hsarat hija definittivament risponsabbli l-kumpanija konvenuta Sea Malta Company Limited, li trid taghmel tajjeb ghalihom.

Evidentement ghal hsarat l-ohra kollha ghandha tigi tenuta risponsabbli l-kumpanija l-ohra The Cargo Handling Company Limited.

Izda dwar il-vettura bic-Chassis No. 60225748, illi kellha hsarat serji fis-saqaf taghha, il-konvenuti The Cargo Handling Company Limited ikkorroborati mis-surveyor imqabbad mill-kumpanija importatrici, jsosstnu li, nonostante illi ma gietx indikata l-hsara fit-‘tally sheet’ relattiva ta’ meta l-vetturi gew imnizla mill-vapur, din kellha digia’dawn il-hsarat fuqha qabel ma giet ikkonsenjata lill-konvenuti The Cargo Handling Company Limited u ghalhekk ghal din il-hsara huma responsabbli ukoll il-konvenuti Sea Malta.

Pero Joseph Borg, it-‘tally clerk’ imqabbad mis- Sea Malta Company Limited, firmatarju tat-‘tally sheet’ relattiva, jeskludi illi din il-vettura kellha xi hsarat fuqha meta giet imnizzla mill-vapur.

Biex il- Cargo Handling Company Limited setghet tikkontesta il-korrettezza tat-‘tally sheet’ in kwistjoni, hija kellha tipproduci bhala xhud almenu t-‘tally clerk’ imqabbad minnha u li l-firma tieghu tidher fuq l-istess ‘tally sheet’.  Fin-nuqas ta’ dan, nono stante anke d-deposizzjoni  ta’ John Falzon, li rrimarka li l-hsarat kienu fuq il-vettura qabel ma ntnizzlet minn fuq il-vapur.

Mhux sufficjenti ghall-kumpanija The Cargo Handling Company Limited   li tirribatti  dak li jirrizulta mit-‘tally sheet’ billi tipprezenta l-Gate Pass Out’ iffirmata mir-rapprezentat iehor taghha, li jiddikjara li l-hsarat kienu graw meta l-vettura in kwistjoni kienet qed tigi mnizzla mill-vapur tas- Sea Malta.

Ghalhekk il-Qorti qedgha  tirripartixxi d-danni in kwistjoni billi, tiddikjara illi l-kumpanija konvenuta Sea Malta Company Limited ghandha thallas danni fis-somma komplessiva ta’ Lm171.20 (mija wiehed u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmi) u l-kumpanija The Cargo Handling Company Limited ghandha thallas somma ta’ Lm514.75 (hames mija u erbghatax il-lira Maltin u hamsa u sebghin centezmi).

Inoltre tiddecidi illi mill-ispejjez  tas-survey fis-somma ta’ Lm32 (tnejn u tletin lira Maltin) is- Sea Malta Company Limited   ghandha thallas sehem taghha  fis-somma ta’ Lm8 (tmien liri Maltin) filwaqt li The Cargo Handling Company Limited ghandha thallas il-kumplament fis-somma ta’ Lm24 (erba’ u ghoxrin lira Maltin).

Ghaldaqstant u ghal dawn il-motivi l-Qorti qedgha tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qedgha tiddikjara illi l-konvenuti huma flimkien responsabbli ghad-danni kollha imgarrba mil-atturi u qedgha taqsam id-danni bejn il-konvenuti billi  tikkundanna lill-konvenuti Sea Malta Company Limited sabiex ihallsu lill-atturi s-somma komplessiva ta’ Lm179.20 (mija u disa’ u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmi), u tikkundanna lill-kumpanija The Cargo Handling Company Limited  sabiex thallas lill-atturi s-somma komplessiva ta’ Lm538.75 (hames mija u tmienja u tletin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmi).

Bl-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuti in quantu ghal kwart (1/4) mill-konvenuti Sea Malta Company Limited u tlett kwarti (3/4) mill-konvenuti The Cargo Handling Company Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------